MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 197/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Superintendent Neville Aquilina u Supretendent Sandro Gatt)**

**Versus**

**Mark Gerada**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mark Gerada ta’ 38 sena bin Joseph u Mary mwielda Sammut, imwieled il-Gżira fit-13 ta’ Mejju 1962 u li joqgħod 5 D’Argens Junction Gżira / 16 Triq Sir Hildebrand Oakes, Gżira u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 329162 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-28 ta’ Marzu 1997 u f’din l-aħħar sena qabel din id-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-iSitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jeew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (KAp 101) tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza
dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principal ital_Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu;**

ċ) ukoll talli f’dawn il-Gżejjer, fit-28 ta’ Marzu 1997 u f’dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data kellu fil-pussess

tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy u LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-egolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Mediak u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat
**kif ukoll** talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi **kkonsenja** mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy u LSD) lil xi persuna oħra li ma kienx spiżjar diliġenti jew ma kienx xort'oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu dik il-mediċina bi ksur ta-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u l-Avviż Legali 22 tal-1985 u la-artikolu 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Prosessjoniji Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985 kif emendat.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tad-29 t'Awwissu 2001, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 3291 tal-1962, il-fedina penali teigġu (fol.4), l-istqarrija tal-imputat (fol.6), il-Proċes Verbal (a fol.47) redatt mill-Maġistrat Dr.Paul Coppini fis-16 t'April 1997 intitolat 'Sejba ta' ammont ta' droga f'karozza li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni O-0937 tal-għamla Volkswagen Golf ta' kulur iswed illi ġrat fit-28 ta' Marzu 1997. Is-sewwieq tal-karozza kien Mark Gerada. Saret tfittxija fil-post mikri għand Gerada f'Sannat u minn hem mil-Pulizija elevate aktar droga (91 pillola ecstasy, 47 qartas kokaina u 16-il pillola LSD, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, dik ta' PC1261 Charles Pace u PC 166 Marlon Debattista, id-digriet tal-Qorti li fih laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ix-xhieda ta' Andre' Genovese fil-kawża 'Il-Pulizija versus Darren Tonna' (19 ta' Jannar 2005) kif ukoll l-istqarrija tiegħu jkunu nseriti f'dan il-proċess, d-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa' nstemgħu minn din il-Qorti kif

diversament preseduta. (fol.175) u l-ħatra ta' Probation Officer sabiex dan jagħmel Social and Inquiry Report dwar l-imputat. .

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Xhieda Prosekuzzjoni**

6. Skond il-Prosekutur l-Ispettur (illum Supretendent) Sandro Gatt, fit-28 ta' Maruzu 1997 kienu qegħdin jinvestigaw grupp ta' żgħażagħ. Huwa semma l-ammonti ta' pilloli misjuba (fol.28). L-imputat kien qiegħed vaganza flimkien ma' sħabu. Ċerta Dorianne Morales kienet qalet lill-Pulizija li kienet ġabet xi droga kokaina minn għand l-imputat (fol.28 u 29). Ċertu Edward Magro kien qal lill-Pulizija li huwa kien ċemewpel lill-imputat li fornih bi tliet Trips jew LSD u għal dawn Andre Magro kien ħallas għalihom Lm15.

7. Mix-xhieda ta' PC -138 Joseph Portelli jirriżulta li fit-28 ta' Marzu 1997 il-Pulizija kienet waqqfet karozza Volskwagen Golf ta' kulur iswed 0-0937 li ien qed isuqha l-imputat. Ġo d-dashboard, wara l-isteering, nstabet borża b'madwar 25 pillola allegata ecstasy. Saret ukoll tfittxija fil-post ġewwa Sannat li kien mikri għand l-imputat u fejn il-Pulizija sabu foil li fiha kien hemm 47 qartas bit-trab abjad, 64 pillola ecstasy u sittax LSD (fol.12).

8. PC-1 Reuben Mifsud ikkonferma dak li xehed PC-138 Joseph Portelli u qal ukoll li fil-kamra tas-sodda partikolari, fejn kien hemm it-tieqa mkisrra, kien qed jorqod Mark Gerada. Din il-kamra kienet imsakkra. Biex daħlu fil-

kamra, wieħed mill-Pulizija kien uża l-istess tieqa tax-xaft bil-ħġieġ imkisser u imbagħad setgħu jidħlu l-Pulizija l-oħra.

9. PC -579 ikkonferma li kienu elevaw xi affarijiet relatati mad-droga minn fuq il-kommodina tal-kamra indikata fil-paragrafi preċedenti.

10. L-Ispettur Kenneth Haber (fol.126) spjega kif saret it-tfittxija fil-karozza tal-imputat nhar it-28 ta' Marzu 1997. Ħin minnhom daqq il-mobile tal-imputat (li x-xhud għaraf fl-Awla) u rrispondieh ix-xhud. Lix-xhud kellmu xi ħadd li saqsieh dwar droga u flus. Dan ried jiltaqa' ma' min kien qed jitkellem. Filfatt il-Pulizija marret fil-post miftiehem u arrestat lil din il-pesuna.

**L-Istqarrija tal-Imputat (Ara fol.6 u 7).**

11. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kienu tel' Għawdex il-Ħamis ta' qabel id-29 ta' Marzu 1997 bil-Golf tiegħu. Huwa kien organizza kollox u fil-farm house kienu ser joqogħdu madwar 20 ruħ. Il-Pulizija kienu għamlu tfittxija fil-karozza tiegħu u sabu xi ecstasy pills fil-fuse box. Ċertu Darren Tonna kien staqsieh jekk jistax iżommlu l-ecstasy pills. L-imputat qal ukoll li kien xtara għoxrin gramma kokaina u qasamhom f'ħafna sachets. Il-cocaine kien poġġieha fil-kamra ta' fejn kien alloġġjat hu. Minnha kien ħa hu kif ukoll Glorianne, Andre u Darren iżda hu ma kienx żammilhom flus. Ħafna ħbeib kienu ċemplulu għal kokaina. L-imputat kien iżomm Lm20 għal kull qartas li jkun fih nofs gramma. Mill-kokaina li kellu Għawdex kien għadu ma biegħ xejn.

12. Rigward is-17 l-LSD huwa qal li kien ġabhom il-Ħamis ta' qabel. Minn dawn kien għadu ma biegħ xejn.

13. F'Marsalforn kien mar fuqu Andre u l-imputat kien tah nofs gramma.

14. Ċertu Toni li kien talab lill-imputat jekk kienx jaf lil xi ħadd ibiegħ l-ecstasy, l-imputat **kien rreferieh għand**

**Darren Tonna**. Dan kien begħlu 2 ecstasy pills u żammlu Lm20.

15. L-LSD ma kinux għall-bejgħ iżda kienu għalih u għall-ħbieb tiegħu.

**Aktar xhieda tal-Prosekuzzjoni**

16. A fol.47 hemm l-istqarrija ġuramentata ta' Edward Magro li fiha qal li fit-28 ta' Marzu 1997 huwa kien xtara tliet LSD's minn għand l-imputat. Edward Magro kien xtara l-LSD minn għand l-imputat fil-Milied ukoll.

**Ir-Rapport Forensiku**

17.Mir-rapport forensiku ġuramentat mill-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li għand l-imputat kienu nstabu 16-il LSD (fol.63), 89 pillola ecstasy, u fis-47 qartas kienet instabet il-kokaina fl-ammont ta' 10.907 grammi. (average ta' 0.23 grammi kull sachet).

18. Fix-xhieda tiegħu Edward Magro (fol.134 et) qal li hu kien imbeżża' meta sab ruħu f'ċella u ma kienx jiftakar wisq wara tmien snin. Huwa qal ki 'mingħalih' kien ta lill-imputat Lm20 tal-akkomodazzjoni u nnega li l-imputat kien ikkonsenjalu xi droga.

19. Kienet ukoll inkluża x-xhieda ta' Andre Genevose, (Ara: Artikolu 30A tal-Kap 101). Dan ix-xhud kien reluttanti ħafna biex jixhed u beda jirtokka l-istqarrija tiegħu fejn kien jidhirlu hu biss.

**Xhieda Difiża**

20. Xehed l-imputat li qal li kien amrru Għawdex f'xi grupp ta' għoxrin ruħ. Qal li ftehmu wkoll li jixtru d-drogi bejniethom u kulħadd ħareġ il-flus. Il-Pulizija kienu sabu xi ecstasy fil-karozza. A fol 178 l-imputat reġa' tenna:

***<u>'Konna miftehmin li nixtru d-droga bejnietna.'</u>***

21. Huwa żied jgħid li hu kien qed jaqla' l-flus u ma kellux għalfejn ibiegħ id-drogi biex jagħmel aktar flus. Huwa qal li kien qed jieħu d-droga hu u kien hemm xi tlitt iħbieb li kienu qed jieħdu d-droga miegħu.

22. L-imputat qal li l-ecstasy kienet ta' Darren u mhux tiegħu. Lil Darren kien qallu biex iġibhom miegħu u li l-imputat kien ser jaħbihom biex ma joqgħodx bl-affarijiet fuqu.

23. Hawnhekk il-Qorti qratlu l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija. (Fol.178 et).

24. Fil-kontro-eżami l-imputat qal li hu kien xtara 20 gramma kokaina u nefaq Lm400. L-LSD kien xtraha ukoll fl-istess perjodu li xtara l-kokaina. Huwa qal li ħass li kellu jixtri dak l-ammont kollu ta' droga għax kienu ser ikunu grupp kbir.Huwa qal ukoll li kien ġabar il-flus minn għand kulħadd. L-imputat qal li huwa ma kienx jieħu ecstasy. Huwa kkonferma li kien qed iżomm id-droga fil-kamra tas-sodda.

25. Qal ukoll li lil sħabu dejjem kien jagħtihom id-droga bl-istess prezz li kienet tiġi lilu.

26. Xehdet ukoll il-Probation Officer Carmen Nygaard li spjegat li dak iż-żmien tal-allegat reat l-imputat kien għaddej minn żmien ħażin meta missieru kien marid. Meta nqabad l-imputat mill-ewwel biddel ħajtu u dejjem kellu impiegi stabbli.

Ikkonsidrat

**L-ewwel Imputazzjoni**

27. L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputat forna d-droga kokaina. Il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni għal dawn ir-raġunijiet.

(i) L-ewwelnett fl-istqarrija stess l-imputat jgħid li kienu ħadu mill-kokaina Glorianne, Andre, u Darren u li dawn ma kinux ħallsu tagħha. Huwa qal ukoll li d-diversi nies li

ċemplu għal kokaina kienu ħbieb tiegħu. Qal ukoll li kien iżomm Lm20 għal kull qartas li kien joffri u li kien ikun fih nofs gramma. L-għoxrin gramma qasamhom f'sachets li kienu jammontaw għal 47 qartas u jekk tħares lejn il-piż kif jidher fir-relazzjoni forensika, wieħed jintebaħ li dan kellhom piż kważi identiku.
L-imputat qal li ma kienx jagħmel qligħ. Il-Qorti ma temminx din l-asserzjoni għaliex matematika rudimentali turi li l-imputat kien qed jagħmel qligħ mill-bejgħ tal-kokaina. Kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xhieda joħroġ ċar kristall li kien l-imputat li kien iforni d-droga kokaina sew jekk bi qligħ jew mingħajru.

(ii) Huwa inutli li l-imputat jgħid li kien speċi ta' ġabar il-flus 'għal kollox'. Il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar din l-asserzjoni għaliex hu stess qal li mhux kulħadd ried jieħu l-kokaina. Altru tieħu ħsieb tikri l-farmhouse, u altru tieħu ħsieb il-forniment tad-droga. Ma qal xejn l-imputat li kien hemm żewġ prezzijiet, skond x'ser tieħu. Barra minn dan ix-xhieda mogħtija mill-imputat ma kinitx ħlief sforz sabiex idawwar dawk il-punti fl-istqarrija li kienu ta' deni għalih.

(iii) Iżda lanqas li kieku wieħed kellu jieħu l-aħjar ipotesi favur l-imputat, xorta waħda jibqa' l-fatt li huwa kien il-prinċipal li qed iġib id-droga biex jaqdi lil diversi persuni ħafna minnhom fiż-żgħożija tagħhom meta hu kellu diġa' 34.

(iv) Lanqas li kieku ma qala' ebda ċenteżmu, dan il-protagoniżmu m'hu protett mill-ebda proviso. Jekk wieħed jeżamina s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-Prim'Imħallef) malajr wieħed jinduna kemm il-proviso li daħal bl-Att XVI tas-sena 2006 ma kienx introdott biex ikopri sitwazzjoni ta' imputat li għandu fornitura daqshekk abbundanti. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għala m'għandhiex timxi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-lessiku, l-istruttura u l-grammatika tas-sentenza kif imsejsa fil-proviso qegħda biss biex tkopri xi każ fejn wieħed qed ipejjep u joint u ta xi nifs lil xi persuna oħra. Kieku wieħed irid jagħti interpretazzjoni oħra, allura jkollu bil-fors jibdel il-kliem sakemm m'aħniex ngħidu bħal Alice in

Wonderland li l-kliem għandu t-tifsira li rridu nagħtuh aħna u mhux it-tifsira tad-dizzjunarju.

(v) Dan kollu huwa msaħħaħ ukoll mix-xhieda ta’ Andre Genevose. Dan ix-xhud għamel minn kollox biex idawwar dak li kien qal fl-istatement tiegħu biex isalva lill-imputat billi jsib kontradizzjonijiet fl-istqarrija tiegħu stess li ma kinux jeżistu. Fil-fehma tal-Qorti ma jeżistux dawn il-kontradizzjonijiet. Iżda dan l-istess Andre Genevose donnu ma kienx jaf x’qal l-imputat stess:

*‘Ngħid biss li meta kont Marsalforn ġie Andre fuqi u qalli li kellu bżonn nofs gramma kokaina u jien tajtu sachet wieħed.’* (Fol 7)

(vi) U fuq kollox, imqar mingħajr din ix-xhieda, il-prova forensika tat-tqassim tal-pakketti tal-kokaina kif ukoll ir-referenzi magħmula mill-imputat fl-istqarrija tiegħu stess huma biżżejjed bħala prova ta’ traffikar ta’ kokaina.

**It-Tieni Imputazzjoni.**

28. L-imputat huwa akkużat ukoll b’pussess aggravat tal-kokaina. Il-Qorti qieset

(i) l-ammont misjub;
(ii) it-tqassim tiegħu;
(iii) dak li qal l-imputat stess li speċi ‘ġabar’ il-flus biex jaqdi.
(iv) Barra dan hemm ix-xhieda okulari ta’ min għamel it-tfittxija .
(v) l-evidenza forensika

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni wkoll għalkemm din tista’ titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**It-Tielet Imputazzjoni tinqasam fi Tlieta**

29. A) Pussess Sempliċi ta’ Ecstasy . Dwar l-ecstasy, l-imputat jgħid li kien qed jagħmel speċi ta’ pjaċir lil ċertu Darren billi żammlu l-pilloli moħbijin fil-karozza tiegħu.

Bir-rispett kollu, il-pussess fil-Liġijiet tad-Drogi, ma jfisirx li tkun is-sid jew li jkollok l-animus rem sibi habendi. Huwa biżżejjed il-kontroll u xejn aktar. In-nozzjonijiet taċ-Ċivil mhumiex applikabbli fejn jidħol 'pussess' ta' droga. Għaldaqstant l-imputat huwa ħati ta' pussess sempliċi ta' ecstasy.

B) Pussess sempliċi ta' LSD. Dan huwa ammess mill-imputat innifsu meta qal li kellu 17 l-LSD li kien xtrahom Lm5 kulll waħda.

Ċ) Konsenja ta' Ecstasy u ta' LSD.

(i) Dwar il-konsenja tal-Ecstasy. L-imputat innifsu qal li kien irrefera lil ċertu Toni għand Darren Tonna sabiex dan itih l-ecstasy. Effettivament, skond l-imputat innifsu, Darren Tonna kien biegħ dawn iż-żewġ ecstasy għal Lm20. Mela l-imputat kien ta informazzjoni minn fejn terza persuna setgħet issib l-ecstasy. Skond id-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 22(1B) ta' 'traffikar' wieħed ikun ittraffika jekk jagħti informazzjoni minn fejn terza persuna tista' tikseb id-droga. Effettivament dak li għamel l-imputat. Iżda l-Prosekuzzjoni flok użat il-kelma 'ittraffika' – kelma li kienet tiġbor kollox – użat il-kelma 'ikkonsenja' – li turi mod wied kif wieħed jittraffika. Ġaladarba ntużat il-kelma kkonsenja, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li l-imputat ta l-ecstasy lil ħadd ieħor. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx evidenza biżżejjed għal dan. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni li huwa 'kkonsenja' l-ecstasy.

(ii) Dwar il-konsenja tal-LSD. Ix-xhieda ġuramentata ta' Edward Magro (ta' dsatax-il sena) hija lampanti. Minn fuq il-pedana tax-xhieda dan ix-xhud ma kienx attendibbli u kien qed jipprova jaħrab minn dak li kien qal qabel. Iżda l-Qorti ser toqgħod fuq l-istqarrija ġuramentata. Hija għażla f'idejn il-Qorti u l-Qorti qed tagħżel il-ġenwin u mhux xhieda xejn attendibbli. (Ara wkoll Camilleri versus Malta tas-sena 2000 dwar dan il-punt).

30. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tielet imputazzjoni barra f'dik il-parti fejn il-

Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat li huwa kkonsenja 'l-ecstasy'.

**Konklużjoni**

31. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939; ir-regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 22 tal-1985; l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) u 120A(1B)u it-Tielet Skeda tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni qed tiqies assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-kap 9 kif ukoll li l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dik il-parti biss tat-tielet imputazzjoni dwar il-'konsenja' tad-droga ecstasy. (ara Ċ (i) par.29)

32. Dwar il-piena, il-Qorti qieset dan li ġej:

(i) Mil-lat negattiv, l-ammont ta' droga involuta u l-protagoniżmu assolut tal-imputat fost ġemgħa ta' żgħażagħ li hu messu tahom eżempju tajjeb ġaladarba kien sew akbar minnhom fl-eta'.

(ii) Mil-lat pożittiv, li l-imputat biddel ħajtu kompletament kif ukoll li għandu impieg tajjeb.

33. Min-naħa l-oħra l-Qorti mhix qed tqis bħala xi ġustifikazzjoni jew skużanti li wieħed idur għad-droga u jibda jxerridha meta jkun hemm xi mard jew xi problemi oħra fil-familja. Imkien fil-Liġi ma teżisti tali skużanti.

34. Id-difiża ssottomettiet ukoll il-kwistjoni tad-dewmien tal-proċeduri. Jidher li dan il-proċess waqaf għal xi żmien minħabba (a) li xhud tal-Prosekuzzjoni kien qed jonqos li jitla' jiddeponi (ara fol.37); (b) problemi bil-laboratorju forensiku (fol.46); (ċ) problemi minħabba l-bidla li seħħet fil-presidenza tal-kawżi tad-drogi meta l-Maġistrat preċedenti kien elevat għa Imħallef; (d) problema minħabba li kienu qed jittieħdu proċeduri kontra persuna oħra u l-proċeduri tagħha kienu għadhom ma spiċċawx.

35. Min-naħa l-oħra kien hemm drabi meta deher l-imputat u ma deherx l-avukat (fol.114), (fol.119)(fol131) (fol160) (fol.190) (fol192); u drabi fejn ma deherx l-imputat (fol 169) (fol 171).

36. Il-Qorti qed tqis dak li ntqal mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każi 'Beck versus Norway' u 'Jensen versus Denmark'. Għalhekk qed tagħti konsiderazzjoni għal ċertu dewmien li jidher fil-paragrafi (a) sa (d) kif elenkati fil-paragrafu 34.

37. Il-Qorti, wara li qieset kollox, qed tikkundanna lill-imputat għal 21 xahar priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €2000 liema multa tista' titħallas f'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multat ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro li ma jitħallsux.

38. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 stante li l-esperti kienu maħtura f'Inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006..

39. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------